

Brussell, 27 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14799/18

CLIMA 235
ENV 822
ENER 402
TRANS 581
IND 375
COMPET 822
MI 902
ECOFIN 1143
DELECT 163

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13855/18 - C(2018) 7018 final + ADD 1 - Annex
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 30.10.2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 fir-rigward tal-irkantar ta' 50 miljun kwota mhux allokati mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-fond ta' innovazzjoni u li jelenka pjattaforma tal-irkant li għandha tinġatar mill-Ġermanja - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat imsemmi hawn fuq¹ f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari l-Artikoli 3d(3), 10(4) u 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE². Peress li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat fit-30 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sat-30 ta' Diċembru 2018.

¹ Dok. 13855/18 + ADD 1.

² ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-att delegat u qabel li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kunsill għandu joġġezzjona għalih.
3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu mgħarrfa b'dan. Dan jimplika li, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat.
